MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Talba Numru. 1094/2006

**Maurice Busuttil**
**Vs**
**John Spiteri Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ta' l-attur li bih ippremetta li jopera mill-fond 50D, Triq ir-Repubblika, Valletta n-negozju tad-dehebijiet maghruf bl-isem "Francis Meli Jewellers", waqt li l-konvenut jopera n-negozju "G. Spiteri Debono" mill-fond kontingwu. Illi ghall-habta ta' April/Mejju, 2006, waqt xogholijiet li l-konvenut kien qed iwettaq fil-hanut "G. Spiteri Debono" u a kawza ta' l-istess xogholijiet, waqqghet xkaffa fil-hanut ta' l-attur b'konsegwenza li grat hsara lil diversi 'items' li kienu esebiti fuqha. Il-valur ta' dawn il-hsarat jammonta ghal elf u erbgha u tletin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€1,034.52) ekwivalenti ghal erba' mija u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm444). L-attur ippremetta

ukoll li kemm -il darba ipprova jsolvi l-kwistjoni mal-konvenut bil-kelma t-tajba. Il-konvenut ghall-ewwel acceta li jhallas il-hsarat ikkawzati minnu pero' mbaghad meta gie rinfaccjat bl-kont irrifjuta li jhallas minghajr ma ta ebda raguni. Huwa baqa' inadempjenti anke wara li gie interpellat ghal hlas b'ittri legali tat-2 ta' Ottubru, 2006 u tal-24 ta' Ottubru, 2006. Ghaldaqstant, l-attur qed jitlob lil dan it-Tribunal joghgbu jiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-hsarat imsemmija u konsegwentement jordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma totali ta' elf u erbgha u tletin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€1,034.52) ekwivalenti ghal erba' mija u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm444). Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tat-2 u tal-24 ta' Ottubru, 2006 u bl-imghax legali mit-2 ta' Ottubru, 2006 sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante li l-eccipjent m'huwiex responsabbli ghal ebda hsarat imsemmija fl-avviz tat-talba peress li huwa ma kkaguna ebda hsara u ghalhekk ma jistax jigi kkundanat ihallas l-ebda ammont pretiz mill-attur.

Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Ra x-xhieda tal-attur Maurice Busuttil li ghandu hanut tad-deheb u fidda fi Triq Repubblika, Valletta u jmiss mal-hanut tieghu kien hemm il-hanut tal-konvenut li fiz-zmien in kwistjoni kien qed jaghmel xogholijiet ta' 'refurbishment.

Jispjega li darba fl-2006 kien dahal il-hanut u t-tifel tieghu kien gibidlu l-attenzjoni li kien hemm xkaffa li kien hemm fil-vetrina li kienet waqghet. Kien wasal ghal konkluzjoni li kien gara kollox minhabba x-xogholijiet li kienu qed isiru fil-hanut tal-konvenut u cioe' magenbhom ezatt. Kien mar f'dan il-hanut tal-konvenut u kien ra li l-hajt li kien imiss mal-vetrina kien imhaffer. Kien gharraf lil konvenut b'dan, li kien qallu li kien ser jara ezatt x'gara.

Ix-xhud jispjega ukoll li hu u ibnu kienu warrbu dawk l-oggetti li ma setghux jitrangaw, filwaqt li kienu warrbu dawk l-oggetti li setghu jitrangaw.

Kien halla ftit zmien ighaddi sakemm il-konvenut kien lesta x-xogholijiet fil-hanut minkejja li kienu tkellmu u ftehmu qabel li l-konvenut kien dispost ihallas ghall-hsarat li kien hemm.

L-attur kien ipprepara lista tal-oggetti li kellhom il-hsara u ma setghux jitrangaw, flimkien mal-valur taghhom u kien ghaddieha lill-konvenut, li wara ftit kien talbu sabiex jara dawn l-oggetti. L-attur ighid li kien qed jitlob il-'cost price' taghhom biss, minghajr Vat.

Wara li kienu ghaddew madwar xahar u nofs u ma kien sema' xejn minghand il-konvenut kien rega' mar ikellmu. Kien hemm li induna li kien qieghed ighaddih biz-zmien ghaliex meta staqsieh jekk kellux 'insurance' kien qallu li kellu, izda ma kienx il-kaz li jaghmel 'claim'*.*

Peress li l-vetrina kienet imkissra wkoll, il-konvenut kien tahom vetrina minn tieghu peress li kellu hafna minhabba li kien qed jaghmel ir-'refurbishment'*.*

Ra x-xhieda ta' Maurice Busuttil, bin l-attur li jikkonferma li kien hemm vetrina fil-hanut taghhom li kienet inkisret u li kienu wkoll gew danneggjati xi oggetti. Missieru kien wasal ghal konkluzjoni li din il-hsara kienet saret minhabba x-xogholijiet li kienu qed isiru fil-hanut tal-konvenut, li kien magenb il-hanut taghhom, u minhabba li kien qed isir xi thaffir fil-hajt li kien imiss mal-hajt fejn kienet tinstab il-vetrina. Dan mar jikkonfermah l-attur meta mar fil-hanut tal-konvenut.

Ix-xhud jispjega li fiz-zmien li l-konvenut kien qed jaghmel 'refurbishment' fil-hanut kien dejjem jitlaq wara l-attur. Fil-lejl meta sehhew l-allegati hsarat kien telaq qabel il-konveut u kien fethu l-ghada bejn it-8.30 am u 8.45 am.

Ighid ukoll li l-konvenut ma kienx qed jiftah il-hanut ghan-nies, izda kien hemm biss haddiema.

Ighid ukoll li kien zamm l-oggetti li kienu ‘total loss’ ghaliex la darba l-konvenut kien qallhom biex jiddentifikaw id-danni fehmu li kien qed jaccetta r-responsabbilita u ghalhekk zamm dawn l-oggetti ghax jekk il-konvenut ihallas dawn kellu dritt ghalihom.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jispjega li l-gurnata qabel ma sehh l-allegat incident, ighid li kienu qalghu kollox mill-post u kienu gabuh ‘shell’. Ma kienux bidlu s-sistema tad-drenagg dak il-hin ghaliex kienet in komun mal-Katidral ta’ San Gwann.

Ix-xoghol li kien sar fil-hanut tal-konvenut il-gurnata ta’ qabel ma sehh l-incident, kien jikkonsisti billi qalghu l-madum, xkafef, elettriku u ilma. Qalghu wkoll is-suffitt tal-injam, kif ukoll qalghu l-‘conduits’ li diga’ kienu hemm minn mal-hajt. Dakinhar ighid li ma sar ebda thaffir  lanqas ma ntuzaw xi ingenji li jinvolvu xi skussar.

Ghal habta tad-disgha u nofs tal-ghada, l-attur kien mar ghandu u kien qallu b’dak li kien gara u mbaghad kien mar jara x’gara. Kien ra xkaffa mwaqqa’ u kien hemm xi ornamenti tal-Milied li kienu nkissru. Kien qal lill-attur li ma setax kien gara minhabba x-xogholijiet taghhom ghax sa dak il-hin kienu ghadhom bil-qiedgha ma jaghmlu xejn ghaliex kienu qed jistennew lil tad-drenagg.

Jikkonferma li kien tahom xkaffa tal-hgieg ghal vetrina, li kienet maghmula minn diversi xkaffef tal-injam li ghandhom il-hgieg fuqhom u mwahhlin bil-viti.

Jikkonferma li wara li lesta l-hanut, l-attur kien ghaddielu prospett tal-oggetti ddanneggjati, izda hu kien informah li hu kien ra biss oggetti tal-Milied. Kien imbaghad mar Perit mibghut mill-attur sabiex jistabilixxi, fejn seta’ kellu tort il-konvenut.

Il-konvenut jichad li qatt qal lil Maurice Busuttil junior li t-tort kien tieghu.

Il-konvenut ighid li jippresumi li l-oggetti waqqghu filghaxija, f’hin meta ma kienux qed isiru x-xogholijiet.

Jispjega li peress li l-madum tpogga fuq il-hamrija kellhom juzaw il-fies u kienu nfethu ukoll il-‘conduits’ bil-mazza u skarpell. Ighid ukoll li kien hemm xogholijiet li kienu qed isiru izda minghajr l-uzu ta’ ‘jack hammers’.

Jichad li qatt ammetta li kellu tort.

Mill-prospett tal-oggetti esebit jirrizulta li kien hemm xi oggetti tal-Milied.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Mill-fattispecie tal-kaz irrizulta li kienu qed isiru xogholijiet ta’ ristrutturazzjoni fil-hanut tal-konvenut “G. Spiteri Debono” li huwa hanut li jmis mal-hanut gestit mill-attur. Il-konvenut kien ilu ghaddejj bix-xogholijiet ghal diversi granet.

Tqajjem il-punt li meta waqghet l-ixkaffa u nkissru diversi oggetti, kien wara li l-attur ghalaq il-hanut u rega’ fetah l-ghada filghodu u ghalhekk matul il-lejl, u cioe’ f’hin meta ma kienux qed isiru xogholijiet.

Pero’, gie kkonstatat li dakinhar filghodu kienu saru xi xogholijiet fil-hajt li jmiss mal-hajt tal-hanut tal-attur, precisament fejn kienet tinstab il-vetrina, bl-ixkaffef.

Ix-xoghol li kien sar fil-hanut tal-konvenut il-gurnata ta’ qabel ma sehh l-incident, kien jikkonsisti billi qalghu l-madum, xkafef, elettriku u ilma. Qalghu ukoll is-suffitt tal-injam, kif ukoll qalghu l-‘conduits’ minn mal-hajt, li diga’ kienu hemm. Dakinhar ighid li ma sar ebda thaffir lanqas ma ntuzaw xi ingenji li jinvolvu xi skussar.

Dan jindika li kien hemm diversi xogholijiet, u minkejja li l-konvenut ighid li ma kienux hadmu b’xi ingenji dak in-nhar, in kontro-ezami jghid li ntuzaw mazza u skalpell.

Huwa ritenut mill-Qrati li ***"l-proprjetarju ta' fond jew art jista' jaghmel u jizvillupa l-proprjeta' tieghu kif irid, dan jista' jaghmlu dejjem sakemm ma johloqx hsara lill-terzi." (Emanuel Agius vs Emanuel Mifsud - 1373/01 deciza 28.04.2005).***

Gie stabbilit ukoll illi ***"kull min, b'xoghol konness ma' kostruzzjoni, jaghmel hsara lill-vicin, jirrispondi ghad-danni." ( Captur vs Borg 5 ta' Ottubru, 1993).***

Fil-kamp civili hu risaput illi ghall-attur hu sufficjenti li jaghmel il-prova minnu rikjesta fuq bazi ta' probabilita'.

Mill-fatti tal-kaz ma jistax' jigi kkonfermat b'certezza li l-vetrina waqghet per konsegwenza tax-xogholijiet li kienu qed isiru fil-hanut adjacenti. Pero' kif ser jigi spjegat hemm bizzejjed provi li jindikaw fuq bazi ta' probabilita' li l-ixkaffa waqghet bhala rizultat tal-effett kumulattiv tax-xogholijiet li kien qed isiru fil-hanut tal-konvenut. Huwa minnu wkoll li l-attur jistqarr li l-konvenut ammetta mieghu li kien responsabbli u kien dispost li jhallas ghad-danni li kien ikkaguna.

Fil-kamp civili ukoll ghal fini ta' kundanna ghal hlas ta' danni irid jirrizulta almenu fuq bazi ta' probabbilta' ness prossimu bejn kawza u effett.

Hemm verzjonjiet kontrastanti fuq ir-responsabbilita', izda huwa sinjifikattiv li sehhew ix-xogholjiet u fl-istess zmien gara li waqghet il-vetrina u gew danneggjati xi oggetti.

L-istess xogholijiet, li kienu strutturali, li effettivament gabu l-post 'shell form' m'humiex xogholijiet zghar, izda ta' certu impatt, li fil-fehma tat-Tribunal probabilment wasslu ghall-incident.

Di piu' l-konvenut lanqas ma tella' xi haddiema sabiex jaghtu spjegazzjoni tax-xogholijiet li kienu wettqu u x'effett seta' kellhom fuq il-hanut tal-attur. Huwa minnu pero' li la darba l-attur qed jallega li garrab il-hsara jinkombi fuqu li

jipprova li d-danni kienu konsegwenza tal-ghemil jew ommissjoni tal-konvenut.

***“Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu.” (Artikolu 1031, Kodici Civili). Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabblita’ extra-kontrattwali u tenuncja r-regola li l-awtur tal-lezjoni ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabblita’ ghandha bhala fonti taghha l-imgieba imputabbli, li tista’ tkun doluza jew kolpuza, imgieba din li ghandha jkollha necessarjament ness ta’ kawzalita’ ma’ l-event dannuz.”***

***(Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta plcet – 637/03 – 9 ta’ Frar, 2005)***

Billi l-konvenut ma pproduciex il-haddiema tieghu ma jistax jigi konstatat l-effett tax-xogholijiet. Minn naha l-ohra hemm provi li x-xogholijiet kienu qed isiru, dan flimkien mal-fatt li l-istess vetrina kienet tmiss mal-hajt fejn kienu qed isiru x-xogholijiet. Dan iwassal lit-Tribunal biex jaccetta l-verzjoni tal-attur bhala dik l-aktar kredibbli u dan anke fuq bazi ta’ probabilita’.

Dwar il-‘quantum’ jidher biss li hemm kontestazzjoni fil-provi pero’ ma tqajjmet l-ebda eccezzjoni f’dan is-sens fir-risposta tal-konvenut. It-Tribunal ihoss li meta l-attur hejja l-lista tal-oggetti danneggjati kien ghadu hbieb mal-konvenut u ma kienx hemm skop sabiex jittenta izid dawn l-oggetti, minkejja li l-konvenut isostni li kien hemm biss oggetti tal-fidda relatati mal-Milied li kien ra danneggjati.

Fin-nuqqas ta’ provi kuntrarji, t-Trbunal ihoss li ghandu jilqa’ ukoll il-‘quantum’ mitlub mill-attur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------